IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2025
COM(2025) 688 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar in-negozjati mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-krediti għall-esportazzjoni, fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE[1] jipprevedi fl-Anness I tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar in-negozjati dwar krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. Dan ir-rapport ikopri l-iżviluppi ewlenin fir-regoli internazzjonali dwar il-krediti għall-esportazzjoni li seħħew matul is-sena 2024 (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru).

Mill-aħħar tas-snin 70, l-**Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati** ("l-Arranġament") huwa l-forum ewlieni għar-regoli internazzjonali dwar il-krediti għall-esportazzjoni[2]. Minbarra r-regoli ġenerali dwar it-tranżazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, l-Arranġament fih ukoll "ftehimiet settorjali" li jkopru regoli speċjali ta' finanzjament għal setturi industrijali speċifiċi u tipi ta' attività, inkluż il-Ftehim Settorjali għat-Tibdil fil-Klima (CCSU, Climate Change Sector Understanding), il-Ftehim Settorjali għall-Bastimenti (SSU, Ships Sector Understanding), u l-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru (ASU, Aircraft Sector Understanding).

2. Żviluppi fl-OECD matul il-perjodu ta' rappurtar

L-aktar żviluppi notevoli matul il-perjodu ta' rappurtar ikkonċernat: ir-rieżami tal-Artikolu 6 tal-Arranġament biex tiġi estiża l-projbizzjoni fuq il-proġetti tal-impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija bil-faħam għall-proġetti kollha tal-fjuwils fossili; it-tnedija ta' diskussjonijiet dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' finanzjament għall-infrastruttura soċjali u għall-appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ir-rieżami ta' klassijiet ta' proġetti differenti fis-CCSU; it-tnedija ta' diskussjonijiet biex jiġi emendat l-SSU, b'mod partikolari biex jiġu kkunsidrati bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi, bl-ewwel laqgħa tal-Grupp Informali ta' Esperti (IEG, Informal Expert Group) tal-Kumitat tal-Bini tal-Vapuri fil-15 ta' Marzu 2024; u l-ħolqien ta' Grupp ta' Esperti inkarigat mir-rieżami tal-lista tal-Konvenzjoni ta' Cape Town tal-ASU ("Grupp ta' Esperti tas-CTC") fit-18 ta' Novembru 2024. Għadd ta' żviluppi notevoli oħra huma msemmija hawn taħt.

Appoġġ għall-fjuwils fossili

Wara proposta ppreżentata mill-UE lill-Parteċipanti f'Lulju 2022 dwar ir-reviżjoni tal-Artikolu 6 tal-Arranġament bil-ħsieb li titwessa' l-projbizzjoni fuq proġetti ta' impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija bil-faħam għall-fjuwils fossili kollha (inkluż l-attivitajiet ta' estrazzjoni u t-trasport ta' faħam termali, l-attivitajiet ta' esplorazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin, ir-raffinar, id-distribuzzjoni taż-żejt mhux maħdum u l-gass naturali għas-settur tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet mhux imnaqqsa) kif ukoll proposta mġedda f'Novembru 2023 li tipprovdi aktar informazzjoni dwar l-approċċ tagħha, l-UE ppreżentat proposta ġdida dwar ir-rieżami tal-Artikolu 6 f'Marzu 2024. Din il-proposta ssuġġeriet li l-Parteċipanti ma għandhomx jipprovdu krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jew għajnuna marbuta għas-settur tal-enerġija tal-fjuwils fossili sakemm mhux

[1] ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45.

[2] Illum hemm 11-il Parteċipant fl-Arranġament: l-Awstralja, il-Kanada, l-UE, il-Ġappun, il-Korea, New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li jkunu konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5 °C u mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Wara proposti u suġġerimenti oħra mill-Parteċipanti, fl-24 ta' Novembru 2024 ġiet ippreżentata proposta konġunta ġdida, u l-Parteċipanti ġew mistiedna jipprovdu kummenti sa nofs Diċembru. Filwaqt li ma setax jintlaħaq ftehim fost il-Parteċipanti sal-aħħar tas-sena, id-diskussjonijiet komplew fl-2025.

Dixxiplini ta' depożitu fl-Arranġament

Peress li l-flessibbiltà maqbula mill-Parteċipanti f'Diċembru 2023 biex jitnaqqsu temporanjament ir-rekwiżiti ta' depożitu minn 15 % għal 5 % għal tranżazzjonijiet f'pajjiżi tal-Kategorija II kienet mistennija tiskadi fit-13 ta' Diċembru 2024, tfaċċaw diskussjonijiet dwar jekk il-flessibbiltà għandhiex issir permanenti, inkluż jekk dawk il-flessibilitajiet jistgħux ikunu ffukati fuq l-infrastruttura soċjali. F'dan il-kuntest, l-UE ppreżentat dokument li appella għal analiżi bbażata fuq il-fatti tal-ħtiġijiet u l-objettivi tal-partijiet ikkonċernati differenti tal-Arranġament biex jiġi żgurat li kwalunkwe teħid ta' deċiżjonijiet dwar bidliet potenzjali fid-dixxiplini ta' depożitu jkunu konformi mal-prinċipji ewlenin tal-OECD bħall-effett ta' attrazzjoni (crowding in) ta' kapital privat, prattiki ta' self sostenibbli u kundizzjonijiet ekwi ġusti.

Wara diskussjoni fost il-Parteċipanti, ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda rieda mill-Parteċipanti li jagħmlu l-flessibilitajiet ta' depożitu permanenti f'dak iż-żmien, u li l-flessibbiltà kienet se tiskadi fit-13 ta' Diċembru 2024. Madankollu, il-Parteċipanti nnutaw li d-diskussjonijiet dwar it-tnaqqis tad-depożitu u dawk relatati mal-infrastruttura soċjali kienu marbuta mal-kwistjoni usa' taż-żieda fl-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u qablu li jkomplu d-diskussjonijiet dwar kif l-aħjar tiġi indirizzata din il-kwistjoni usa'.

Kwistjonijiet ta' għajnuna relatati mal-kummerċ

Lejn tmiem l-2024 proposta mis-Segretarjat tal-OECD issuġġeriet li jiġu inklużi r-rekwiżiti ta' rappurtar u l-impenn li jiġu applikati offerti kompetittivi internazzjonali meta jiġu pprovduti krediti tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA, official development assistance) mhux marbuta, li jinsabu fil-Ftehim dwar krediti mhux marbuta tal-ODA, fl-Arranġament. Il-Parteċipanti stiednu lis-Segretarjat tal-OECD biex jaħdem fuq abbozz ta' test għal-laqgħa ta' Marzu 2025.

Barra minn hekk, tnedew ukoll diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Arranġament għall-kalkolu tal-livell ta' konċessjonalità tat-tranżazzjonijiet ta' għajnuna marbuta. Din il-metodoloġija, żviluppata fis-snin 90, jista' jkollha bżonn tiġi aġġornata biex tirrifletti r-realtajiet tal-lum.

Ftehimiet Settorjali

Ftehim Settorjali għat-Tibdil fil-Klima (CCSU)

Il-ħidma fuq is-CCSU fl-2024 iffokat fuq erba' gruppi ta' setturi:

- Grupp 1: Is-setturi bi spazji riżervati (li ma għandhomx definizzjonijiet jew standards) - Klassi tal-Proġett H tat-tip 4 (trasport bl-ilma b'emissjonijiet baxxi) u l-Klassi tal-Proġett J (produzzjoni ta' fjuwils likwidi u gassużi nodfa). Fir-rigward tal-Klassi tal-Proġett H, il-Parteċipanti qablu li jistennew sakemm il-ħidma tal-Grupp Informali ta' Esperti (IEG) tal-Kumitat tal-Bini tal-Vapuri tiġi konkluża qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-triq 'il quddiem għal din il-klassi ta' proġetti. Fir-rigward tal-Klassi tal-Proġett J, ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar it-tneħħija tal-ispazju riżervat li jinsab fl-Anness I, u d-diskussjonijiet ikomplu.

- Grupp 2: Is-setturi soġġetti għal klawżola ta' estinzjoni u li kellhom jiskadu sat-30 ta' Ġunju 2024 - Klassi tal-Proġetti G (manifattura b'emissjonijiet baxxi) u l-Klassi tal-Proġetti I (minerali u minerali mhux maħduma ta' enerġija nadifa). Il-Parteċipanti qablu li jżommu l-klassijiet tal-proġetti fl-Arranġament u li jwettqu, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2026, rieżami tal-istandards internazzjonali żviluppati sa dak iż-żmien u jiddeċiedu jekk jinkorporawhomx fl-entrati.

- Grupp 3: Is-setturi ta' legat - il-Klassi tal-Proġetti B (proġetti ta' rimedju f'impjanti tal-fjuwils fossili, sostituzzjoni tal-fjuwils fossili) u l-Klassi tal-Proġetti C (effiċjenza fl-użu tal-enerġija). Dawn is-setturi ġew diskussi b'mod konġunt mar-rieżami tal-Artikolu 6 (ara hawn fuq).

- Grupp 4: Setturi oħra – Klassi tal-Proġetti D (qbid, użu u ħżin tal-karbonju), Klassi tal-Proġett E (trażmissjoni, distribuzzjoni u ħżin tal-enerġija) u Klassi tal-Proġett F (idroġenu u ammonijaka nodfa), tqajmu mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dawn il-klassijiet tal-proġetti u bdew diskussjonijiet dwar it-tibdil potenzjali tat-test tal-Appendiċi I tas-CCSU.

Ftehim Settorjali għall-Bastimenti (SSU)

L-ewwel laqgħa tal-Grupp Informali ta' Esperti (IEG) tal-Kumitat tal-Bini tal-Vapuri saret fil-15 ta' Marzu 2024, u l-grupp sussegwentement iltaqa' fil-21 ta' Ġunju 2024 u fit-22 ta' Novembru 2024. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq id-definizzjoni ta' bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi u l-istabbiliment ta' termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' finanzjament għal dawn il-bastimenti.

Biex jgħinu fit-tfassil u l-gwida tad-diskussjonijiet, l-esperti ġew mistiedna jipprovdu preżentazzjonijiet dwar varjetà ta' suġġetti inkluż dwar l-istrateġija u l-indiċijiet tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir u dwar it-tassonomiji eżistenti għall-finanzjament sostenibbli għat-tbaħħir. Id-delegazzjonijiet ġew mistiedna wkoll jippreżentaw il-prattiki tagħhom ta' finanzjament tal-bastimenti bl-għan li jifhmu u jimmappjaw aħjar il-prattiki differenti tal-QEA.

Filwaqt li tibni fuq id-diskussjonijiet, f'Novembru 2024 l-UE ppreżentat proposta biex tinkorpora r-reġim tal-Arranġament tar-Rata ta' Referenza tal-Imgħax Kummerċjali (CIRR, Commercial Interest Reference Rate) fl-SSU, peress li deher li ma kien hemm l-ebda raġuni ċara għaliex ir-reġimi tas-CIRR għal tranżazzjonijiet ta' Arranġament standard jew tranżazzjonijiet ta' bastimenti skont l-SSU kellhom ivarjaw.

Id-diskussjonijiet dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir u r-riforma tas-CIRR tal-SSU komplew fl-2025.

Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru (ASU)

Fit-73 Laqgħa tagħhom fit-18 ta' Novembru 2022, il-Parteċipanti bdew jirriflettu dwar kif jirrevedu l-lista ta' stati li kkwalifikaw għat-tnaqqis tar-rati minimi tal-primjum ("Lista tal-Konvenzjoni ta' Cape Town" jew "Lista tas-CTC") peress li l-Lista tas-CTC kienet ġiet aġġornata biss biex tinkludi stat ġdid wieħed u li l-ebda stat ma qatt kien tneħħa jew saħansitra ġie rieżaminat wara li ġie miżjud. Dawn id-diskussjonijiet wasslu għall-ħolqien ta' Grupp ta' Esperti tas-CTC fil-75 Laqgħa tal-Parteċipanti fl-ASU fit-18 ta' Novembru 2024 biex jassisti lill-Parteċipanti fir-reviżjoni tal-Lista tas-CTC. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar kif l-aħjar tiġi indirizzata din ir-reviżjoni.

Fit-18 ta' Novembru 2024, l-UE ppreżentat proposta lill-Parteċipanti tal-ASU biex jiġu adattati t-termini u l-kundizzjonijiet fl-ASU għall-ħelikopters, speċjalment fir-rigward tal-prattiki fl-għoti ta' appoġġ qabel il-punt tat-tluq tal-kreditu. Id-diskussjonijiet koprew ukoll il-potenzjal għal bidliet fil-kuntratti tal-ASU għall-Manutenzjoni, Tiswija u Tiġdid (MRO, Maintenance Repair and Overhaul), kif ukoll l-avjazzjoni sostenibbli u l-inċentivi ta' kreditu għall-esportazzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni.

Żviluppi oħrajn

Riforma tas-CIRR

Wara l-waqfien tal-LIBOR fl-2021, matul il-159 Laqgħa tagħhom f'Novembru 2023, il-Parteċipanti kienu qablu li jestendu l-marġni temporanju ta' 100 punt bażi tar-rata tas-CIRR, li kienet mistennija tiskadi fl-14 ta' Lulju 2024, b'sena (jiġifieri, sal-14 ta' Lulju 2025) sabiex ikollhom żmien jirriflettu dwar soluzzjoni aktar permanenti li tipprovdi prevedibbiltà għall-esportaturi, għax-xerrejja u għall-partijiet ikkonċernati. Fl-2024, ma tressqet l-ebda proposta alternattiva mill-Parteċipanti, u l-kwistjoni nżammet fuq l-aġenda għal-laqgħa ta' Marzu 2025.

Linji Komuni

Fl-2024, ġiet proposta biss linja komuni waħda mill-Parteċipanti. Il-linja komuni, proposta fid-19 ta' Diċembru 2024 u sussegwentement aċċettata mill-Parteċipanti, kellha l-għan li żżid l-appoġġ għall-kostijiet lokali biex tkopri l-kostijiet ta' risistemazzjoni għall-awtostrada urbana Yaoundé Nsimalen fil-Kamerun. Il-linja komuni daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2025 u se tiskadi fit-30 ta' Jannar 2027.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat b'mod debitu dwar żviluppi ġodda.